MALTA

# QORTI ĊIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Illum 14 ta' Settembru, 2017

Rikors Revoka Numru 186/17LM

Fl-Atti tal-Mandat Numru 127/17 fl-ismijiet:

**Daphne Ciantar (K.I. 530987M)**

***vs.***

**Kevin Ciantar (K.I. 69674M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fit-8 ta' Awwissu, 2017 minn **Kevin Ciantar** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrent sekwestrat"), li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-kontendenti għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti tal-Familja, u liema proċeduri ilhom għaddejjin għal diversi xhur;*

2. *Illi reċentement, l-esponent ġie notifikat mill-banek li martu intavolat mandat fil-konfront tiegħu għal valur ta' €25,000, skontha sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti;*

3. *Illi jingħad illi din it-talba hija fieragħ u vessatorja u dan għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati iktar 'l isfel;*

4. *Illi fl-ewwel lok jingħad illi kif jirriżulta mill-anness Dokument immarkat Dok. AA1*[1]*, il-kont li ġie maqbud bil-mandat odjern, kien fih €15,000 li huma flus tal-esponent, ta' qabel iż-żwieġ, u kwindi r-rikorrenti Daphne Ciantar ma kellha l-ebda jedd tissekwestrahom;*

5. *Illi b'żieda mas-suespost u mingħajr preġudizzju għall-istess, jingħad li l-partijiet bejniethom għandhom proprjetà, ossia d-dar matrimonjali, liema proprjetà hija taż-żewġ partijiet b'mod ugwali. Tiswa l-eluf t'Euro u fuqha m'hemm l-ebda djun u kwindi, ir-rikorrenti Daphne Ciantar hija iktar minn kawtelata fil-pretensjonijiet tagħha kemm għaliex mingħajrha l-esponent ma jistax jiddisponi mill-istess proprjetà u kemm għaliex il-valur tal-istess proprjetà tiżboq ferm il-pretensjoni li qed tivvanta r-rikorrenti permezz tal-mandat odjern;*

6. *Illi l-esponenti għalhekk jissottometti illi f'każ li huwa f'eventwali kawża ser jiġi ordnat iħallas lir-rikorrenti xi somma flus, il-proprjetà in kwistjoni hija garanzija biżżejjed li hija għandha mnejn titħallas;*

7. *Illi iktar minn hekk jingħad, illi l-kontijiet li nqabdu huma kontijiet parafernali tal-esponent; iktar minn hekk xejn inqas minn għaxart elef Euro (€10,000) minnhom ingħataw lill-esponent permezz ta' donazzjoni mingħand missieru u dan kif jirriżulta mill-annessa skrittura li saret in atti tan-Nutar Joe Cilia (Dok. A*[2]*);*

8. *Illi għaldaqstant l-esponent jikkontendi li fil-każ odjern japplika is-subinċiż (f) tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, 'l għaliex:*

    a) *Kif ingħad iktar 'l fuq, jekk il-mandat odjern ser jibqa' fis-seħħ ser ikun ifisser li l-esponent ser isofri preġudizzju kbir;*
    b) *Prima facie mhux ġustifikat;*

---

[1] *A fol.* 3.
[2] Skrittura datata 03.04.2015, *a fol.* 4. Affidavit ta' missier r-rikorrent sekwestrat Anthony Ciantar, datat 02.09.2016, *a fol.* 5.

c) *Il-mandat odjern, inħareġ sempliċement b'malizja u fiċ-ċirkostanzi, mhux raġonevoli li jinżamm fis-seħħ;*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, l-esponenti umilment jitlob li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tordna ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru odjern bin-numru 127/2017 u dan ai termini tal-artikolu 836 (1)(ċ) u (f);*

2. *Tikkundanna lil Daphne Ciantar tħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il ċenteżmu li jmorru għand l-esponenti skont l-artikolu 836(8)(d) u dana stante li dan il-mandat inħareġ b'malizzja u b'talba frivola u vessatorja;*

3. *F'każ li din l-Onorabbli Qorti ma tilqax l-ewwel żewġ talbiet, tordna lil Daphne Ciantar sabiex, fi żmien perentorju stabbilit minnha, tagħti garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u imgħax, u fin-nuqqas ta' Daphne Ciantar li tobdi l-istess direzzjonijiet, tneħħi dan il-mandat ai termini tal-Artikolu 838A.*

*Bir-riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-esponenti skont il-liġi u bl-ispejjeż ta' dina l-proċedura kontra Daphne Ciantar.*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-8 ta' Awwissu, 2017, fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti bi żmien għaxart (10) ijiem għar-risposta.

Rat ir-Risposta ta' **Daphne Ciantar** (minn issa 'l quddiem "l-intimata sekwestranta") li ġiet ippreżentata fil-21 ta' Awwissu, 2017, li tgħid:

*Illi t-talbiet tal-intimat għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż u dan għas-segwenti raġ-unijiet:*

1. *Illi fl-ewwel lok, dak li trid tistħarreġ din l-Onorabbli Qorti, kif irriżulta ċar mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, hu, jekk fit-talba tar-rikorrenti għall-*

*ottjeniment tal-ħruġ tal-mandat, hi kinitx qed tinvoka dritt prima facie u jekk l-ammont li għalih intalab is-sekwestru hux kommensurat mad-dritt pretiż kawtelat.* L-eżami però irid ikun biss wieħed prima facie. *Hemm numru ta' sentenzi li fil-fatt stabbiliew illi f'eżami ta' dan it-tip ta' rikors il-Qorti ma tistax tidħol fil-mertu tal-kawża għaliex tkun effettivament qiegħda tiddeċiedi l-kawża qabel ma tkun semgħat l-istess. Għaldaqstant l-argumenti tal-intimat huma fil-maġġjor parti tagħhom infondati stante illi jolqtu l-mertu tal-kawża odjerna innifisha.*

2. *Illi in effetti ssir referenza għad-digriet li ingħata fl-atti tar-Rikors għar-revoka ta' ħruġ ta' Mandat ta' sekwestru fl-ismijiet,* ***Emanuel Balzan vs Francelle Agius***[3]*, fejn il-Qorti, filwaqt li għamlet referenza għall-kawża fl-ismijiet Camilleri vs. Govè et irreteniet illi:*

   > *Mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża propja bejn il-partjiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari u li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja.*

3. *Illi ssir referenza wkoll f'dan il-kuntest għas-sentenza fl-ismijiet* ***Associated Supplies Ltd vs. Joseph Mizzi***[4]*, il-Qorti qalet hekk:*

   > *Il-Qorti tibda biex ittenni l-prinċipju li jirregola proċeduri ta' din ix-xorta, u ċjoè li l-iskrutinju li jeħtieġ li jsir minn din il-Qorti f'dan l-istadju huwa essenzjalment wieħed fuq livell ta' prima facie. Il-mertu jiġi mistħarreġ u evalwat fil-kawża bejn il-partijiet. Dan ifisser illi f'dawn il-proċeduri, il-Qorti ma tkun bl-ebda mod qed tippronunzja ruħha fuq fatti u fehmiet dwar il-vertenza, kemm jekk tiġi milqugħa t-talba odjerna, kemm jekk tiġi miċħuda.*

4. *Illi in oltre, din il-Qorti f'sentenza fl-ismijiet Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 879/12 fl-ismijiet* ***(Sekwestrant) L-Avukat Adrian Delia detentur tal-karta tal-identità bin-numru 299369(M) bħala Mandatarju speċjali ta' Giovanni Sidoti ta' Nazzjonalità Taljana, detentur tal-karta tal-identità bin-numru AS0368168 vs. (Sekwestrat) European Insurance Group Limited (C35708)***[5]*, filwaqt illi għamlet referenza għall-ġurisprudenza oħra, qalek hekk:*

---

[3] *Rikors Numru 101/15, deċiz fis-16.02.2015.*
[4] *Deċiż fis-06.02.2013; Rikors Numru 1006/2012.*
[5] *Deċiż fl-04.02.2013; Rikors Numru 1125/2012.*

*Illi meta ssir applikazzjoni abbażi tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 l-analiżi tagħmel il-Qorti għandha tkun ristretta għal waħda prima facie;*

5. *Illi dan il-prinċipju ġie msaħħah mill-ġurisprudenza nostrana; Illi fis-sentenza bl-ismijiet* ***Emanuel Sammut et. vs. Josephine Sammut*** *datata 5 ta' Ġunju, 2003, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:*

   *Mid-dispożizzjoni tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 (tħassir ta' Mandat Kawtel-atorju) jidher li l-unika eżami li trid tagħmel il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinjifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari, li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprija. Dak li trid tagħmel il-Qorti f'din il-proċedura huwa biss sabiex teżamina prima facie jekk min ħareġ il-mandat kellu pretensjoni legali għall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le peress li dan l-aħħar eżami jifforma l-mertu tal-kawża, li l-Qorti bil-proċedura premessa, ovvjament għandha tħalli fil-ġudizzju tagħha, jew ta' Qorti oħra, għall-eżitu tal-kawża";*

6. *Illi fis-sentenza* ***Av. Carmelo Castelli noe. vs. Focal Maritime Services et.*** *datata s-sitta u għoxrin (26) ta' April 2002, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:*

   *Skont l-Artikolu 836(d) u (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, Mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv, jew jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wieħed prima facie u l-Qorti m'għandhiex tidħol fi kwistjonijiet li jirrigwardjaw il-mertu tal-kawża bħal jekk is-sekwestrat huwiex leġittimu kontradittur tas-sekwestrant;*

7. *Illi fis-sentenza fl-ismijiet* ***Visa Investments Ltd. vs. Blye Engineering Co. Ltd*** *datat s-sebgħa (7) ta' Frar 2001 ingħad ukoll hekk:*

   *L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa dak biss ta' prima facie, u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet.*

8. *Illi l-esponenti tissottometti illi, kif jidher mill-argumenti imressqa fir-rikors tas-sekwestrat, l-istudju li qiegħed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti tagħmel imur oltre minn analiżi prima facie;*

9. *Illi għalhekk fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza ċitata, jekk wieħed iħares lejn ir-rikors odjern wieħed mil-ewwel jinduna illi s-sottomissjonijiet kollha hemm kontenuti huma kollha fil-mertu u dak illi r-rikorrent effettivament qiegħed jitlob* (recte) *huwa illi din il-Qorti tiddeċiedi dwar il-pretensjonijiet tal-attriċi qabel ma tisma' l-kawża;*

10. *Illi fil-fatt, għall-kuntrarju ta' dak li ġie rilevat fir-rikors tal-intimat, il-kontijiet sekwestrati ma humiex parafernali tal-intimat, iżda huma kontijiet fuq ismu li ġew depożitati fihom flus matul il-ħajja matrimonjali tal-partijiet, liema flus jappartjenu liż-żewġ (2) partijiet;*

11. *Illi fil-fatt, l-esponenti ma għandha l-ebda pretensjoni mill-ħmistax-il elf Euro (€15,000) li indika r-rikorrent, iżda s-somma indikata minnha fil-mandat ta' sekwestru hija estimazzjoni ta' nofs is-somma illi tfaddlet minn meta sar iż-żwieġ tal-partijiet sallum u għadaqstant il-kont għadu jitħaddem oltre il-ħamsa u għoxrin elf Euro;*

12. *Illi inoltre, a rigward tad-dar matrimonjali tal-partijiet, l-intimat qiegħed ikun inveritier, u qiegħed jipprova jiżgwida lil din l-Onorabbli Qorti meta tenna fir-rikors tiegħu li d-dar matrimonjali tal-partijiet ma għandha l-ebda dejn fuqha!!*

13. *Illi inoltre, il-kwistjoni rigward id-dar matrimonjali, tolqot ukoll il-mertu tal-kawża tal-partijiet, stante illi waħda mir-raġunijiet għalfejn il-partijiet ma waslux għal ftehim bonarju hu propjament minħabba d-dar matrimonjali tagħhom;*

14. *Illi fil-fatt, il-partijiet ħadu loan ta' tmenin elf, u ħames mitt Euro (€80,500) mill-Bank BOV li imbagħad l-imsemmi loan ġie trasferit għall-Bank HSBC; ġewwa l-kont bankarju joint enumerat 027109974001, u ta' kull xahar isir pagament ta' mitejn u disa' Euro, u tmienja u sittin ċenteżmu tal-Euro (€209.86), liema kuntratt ta' xiri, sanction letter u ċ-ċekk mill-Bank qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati komplessivament bħala DOK A;* [6]

15. *Illi tant kemm dak li qal l-intimat ma hux minnu, illi mindu l-partijiet bdew il-proċeduri ta' separazzjoni, kull parti qiegħda tħallas mija u erba' Euro, erbgħa*

[6] *A fol.* 15 sa 19, 21 sa 24 u 25 rispettivament. Kopja tal-i*statement* tal-kont bankarju konġunt, *a fol.* 26 sa 28.

*u tmenin ċenteżmu tal-Euro (€104.84) versu dan il-loan, kif inhu indikat mid-dokument hawn u anness u immarkat bħala DOK B[7], liema l-aħħar pagament mill-intimat u l-esponenti saħansitra sar wara li ġie ppreżentat dan ir-rikors odjern;*

16. *Illi di più, il-proprjetà tal-partijiet, u ċjoè d-dar matrimonjali hija waħda ipotekata, u għaldaqstant tenut kont ta' dan kollu, ma hux minnu li l-esponenti għandha kawtela bil-porzjon tal-intimat mid-dar matrimonjali!*

17. *Illi oltre dan kollu, il-partijiet għandhom ukoll dejn familjari, permezz ta' skrittura privata li jammonta għal sebgħa u għoxrin elf, disa' mija, tnejn u ħamsin Euro u tmienja u erbgħin ċenteżmu (€27,952.48), għal liema dejn iż-żewġ (2) partijiet huma responsabbli, mil-liema ammont tħallsu ħamest elef Euro (€5000) mill-partijiet, u għaldaqstant l-intimat għad baqalu jħallas ħdax-il elf, erba' mija, sitta u sebgħin Euro, u erbgħa u għoxrin ċenteżmu tal-Euro (€11,476.24), liema dokumenti qegħdin jiġu annessi u immarkati komplessivament bħala DOK C;[8]*

18. *Illi barra minn hekk, fir-rikors intavolat mill-intimat, ġie rilevat illi għaxart elef Euro (€10,000) mis-somma li għandu iddepożitata l-Bank huma donazzjoni lilu minn missieru;*

19. *Illi bid-dovut rispett, dan l-ispunt ukoll għandu jkun biżżejjed sabiex din l-Onorabbli Qorti ma tordnax li għandu jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-intimat, stante illi l-partijiet lanqas ma huma jaqblu rigward din id-donazzjoni;*

20. *Illi filwaqt li l-intimat qiegħed jippreżenta dan l-att, l-esponenti tirrileva illi missier l-intimat kien avviċina lilha stess sabiex jgħaddi lilhom it-tnejn is-somma ta' għaxart elef Euro (€10,000) bħala ringrazzjament ta' kemm l-esponenti daret bih meta kien marid;*

21. *Illi missier l-intimat kien iddeċieda li kellu jgħaddi għaxart elef Euro (€10,000) lit-tliet (3) uliedu kollha, kif fil-fatt sar, minkejja li konvenjentement jidher li saret skrittura mal-intimat biss!*

22. *Illi fil-fatt, l-intimat u missieru lanqas biss kellhom relazzjoni tajba dak iż-żmien li ingħatat dik id-donazzjoni, u fil-fatt meta fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' April*

---

[7] *A fol.* 29 sa 33.
[8] *A fol.* 34 u 35.

*tas-sena elfejn u ħmistax (2015), missier l-intimat kien mar il-Bank jinqeda mingħand l-esponent stess sabiex jittrasferixxi dawn il-flus, l-intimat lanqas biss kien jaf b'dan, u dan kważi xahar wara li allegatament sar l-att ta' donazzjoni fil-preżenza tal-manager tal-Bank ta' dak iż-żmien;*

23. *Illi għalhekk, l-esponenti issibha diffiċli immens sabiex temmen illi l-iskrittura eżebita saret fil-fatt dak iż-żmien stante illi l-intimat bilkemm kien jaf dwarha u missier l-intimat informa il-esponenti stess li dik id-donazzjoni kienet għalihom it-tnejn u fil-fatt kien mar għandha sabiex tagħmel it-trasferiment hi stess, u dan minbarra l-fatt li n-numra tal-karta tal-identità ta' missier l-intimat ma hux korrett;*

24. *Illi għalhekk, tant kemm l-esponent tara l-att ta' donazzjoni wieħed dubjuż, illi tajjeb li tinġieb a konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi nhar it-tlieta (3) ta' April tas-sena elfejn u ħmistax (2015) kienet taħbat il-Ġimgħa l-Kbira u għaldaqstant huwa kemm diffiċli illi jsir att bħal dan dakinhar meta ma kien xejn urġenti; tant li t-trasferiment tal-flus sar fl-aħħar ta' April!; filwaqt illi l-affidavit huwa wkoll dubjuż stante illi konvenjentement dan l-affidavit sar wara li l-partijiet diġà bdew id-diskussjonijiet tagħhom fuq din is-somma;*

25. *Illi għalhekk din l-Onorabbli Qorti ma tistax tidħol fil-mertu ta' dan, stante illi minbarra li hemm kontestazzjoni, dan hu fatt li jridu jinġiebu l-provi mill-partijiet waqt il-kawża ta' separazzjoni, u tkun il-Qorti tal-Familja li tipprovdi rigward dan;*

26. *Illi barra minn hekk, l-esponenti għamlet il-mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-intimat sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha, stante illi l-intimat innifsu informa lilha stess illi kien ser jiġbed il-flus mill-Bank;*

27. *Illi l-intimat filfatt, qiegħed jiddisponi mill-assi tiegħu, u fil-fatt, il-karozza tiegħu, tal-għamla Volkswagon Golf, bin-numru tar-reġistrazzjoni KVN 028, li kienet reġistrata fuqu u li għadu juża sallum il-ġurnata, ġiet trasferita minn fuq ismu wara li inbdew il-proċeduri ta' separazzjoni, stante li l-esponenti ġiet mgħarrfa mill-Awtorità tat-Trasport li l-intimat ma ghandu l-ebda vettura rreġistrata fuq ismu, liema dokument qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala DOK D;*[9]

[9] *A fol.* 36.

28. *Illi għaldaqstant, il-mandat ta' sekwestru magħmul mill-esponenti mhux talli ma kienx frivolu u vessatorju, talli kien opportun, għaliex l-intimat jista' jiddisponi mill-flus bl-istess mod kif diġà għamel bil-vettura tiegħu;*

29. *Illi għaldaqstant, tenut kont tal-ineżatezzi u l-fatti inveritiera li hemm rilevati fir-rikors tal-intimat, juru kemm l-intimat ma hux kredibbli u affidabbli, u għaldaqstant qiegħed jiżgwida lil din l-Onorabbli Qorti sabiex hu jkun jista' jagħmel li jrid bil-flus li għandu f'ismu u li saru matul il-ħajja miżżewġa tal-partijiet, filwaqt illi jippreġudika u jkompli jipprova jgħakkas lill-esponenti;*

30. *Illi in ogni caso, jekk is-sekwestru fil-konfront tal-intimat jiġi revokat, l-esponenti ser tkun preġudikata, tenut kont tal-fatt illi finalment jekk l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tordna illi l-esponenti tieħu dawn il-flus, jew ammont minnhom, jista' jkun li l-intimat ikun iddispona minnhom;*

31. *Illi għalhekk, anke sabiex il-ġudizzju jibqa' integru, is-sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-intimat għandu jibqa' fis-seħħ;*

***<u>Dwar it-talba għad-depositu ta' garanzija</u>***

32. *Illi mill-ewwel għandu jingħad illi t-talba għad-depożitu ta' garanzija m'għandhiex tintlaqa' b'mod awtomatiku. Fil-fatt l-artikolu 838A tal-Kap 12 jgħid hekk:*

> *Il-Qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun tablet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi imposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju.*

33. *Illi għalhekk trid tintwera kawża ġusta qabel ma tintlaqa' talba simili. Qabel xejn l-intimat jridu jippruva illi l-mandat odjern qiegħed jikkawżalu preġudizzju irraġjonevoli, fatt illi ma jirriżultax mir-rikors;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet l-esponenti umilment tissottometti illi t-talbiet rikorrenti kollha għandhom jiġu miċħuda.*

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.[10]

Fl-udjenza tal-25 ta' Awwissu, 2017 semgħet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet, u r-rikors tħalla għal provvediment għas-seduta tal-lum.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-intimata sekwestranta Daphne Ciantar ottjeniet il-ħruġ tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 127/2017 (minn issa 'l quddiem "il-Mandat") kontra r-rikorrent sekwestrat Kevin Ciantar, fis-somma ta' €25,000 bħala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, u dan filwaqt li l-partijiet jinsabu għaddejjin minn proċeduri ta' separazzjoni. Fil-proċeduri odjerni r-rikorrent sekwestrat Kevin Ciantar qed jitlob ir-revoka tal-Mandat għax jikkontendi li hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tal-intimata sekwestranta u li *prima facie* l-Mandat mhuwiex ġustifikat u dan ai termini tal-artikolu 836(1)(ċ) u (f) tal-Kap. 12. Peress li r-rikorrent sekwestrat isostni wkoll li l-Mandat inkiseb b'malizzja u għal raġunijiet frivoli u vessatorji, qiegħed jitlob il-kundanna tal-intimata sekwestranta għal ħlas ta' penali skont l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12. Alternattivament ir-

[10] Fl-udjenza tal-25 ta' Awwissu, 2017 r-rikorrent sekwestrat ippreżenta kopja ta' dokument (*a fol.* 40) li juri l-bilanċ tas-self ikkawtelat bl-ipoteka kien ta' €66,286.61, kif ukoll kopja ta' dokumentazzjoni *(a fol.* 41 sa 44), inkluż il-*log book* tal-vettura Volkswagen reġistrazzjoni KEV 028, li juri li din kienet għadha irreġistrata fuq isem ir-rikorrent sekwestrat.

rikorrent sekwestrat qiegħed jitlob li f'każ li ma tiġix milqugħa t-talba għar-revoka tal-Mandat u għal ħlas ta' penali, tiġi imposta fuq l-intimata sekwestrata garanzija *ai termini* tal-artikolu 838A tal-Kap. 12.

L-intimata sekwestranta qiegħda tilqa' għall-imsemmija talbiet tar-rikorrent sekwestrat billi ssostni li fi proċedura bħal din, il-Qorti hija mistennija li tagħmel biss eżami *prima facie* u li ma għandhiex tidħol fil-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet kif qed jissuġġerixxi r-rikorrent sekwestrat. L-intimata sekwestrata qiegħda tikkontesta l-fatti kif ippreżentati mir-rikorrent sekwestrat u stante li jeżisti l-perikolu li r-rikorrent sekwestrat jiddisponi mill-flus tal-komunjoni tal-akkwisti, it-talba tagħha għall-ħruġ tal-Mandat la hija frivola u lanqas vessatorja. Illi kwantu għat-talba sabiex jiġi ordnat il-ħruġ ta' garanzija ai termini tal-artikolu 838A tal-Kap. 12, l-intimata sekwestranta tgħid illi din tista' tiġi ordnata biss jekk jintwera li hemm kawża ġusta, imma r-rikorrent sekwestrat ma weriex dan.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru *ai termini* tal-artikolu 836 tal-Kap. 12, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara illi f'dan l-istadju hija bl-ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex l-proċedura maħsuba bl-artikolu 836 tal-Kap. 12 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami li jrid

isir għandu jkun biss *prima facie*. Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Joseph Camilleri *et vs.* Anthony Govè *et***[11] intqal:

> "Mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' *prima facie* u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."[12]

Illi ġie ritenut ukoll mill-Qrati tagħna illi:

> "Eżami *prima facie* huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond u dak li jirriżulta mad-daqqa ta' għajn".[13]

Illi ġie ritenut ukoll mill-Qrati tagħna illi:

> "L-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Għalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex meħtieġ li tifli fil-mertu l-kwistjonijiet li nqalgħu bejn il-partijiet u li wasslu għall-ħruġ tal-Mandat".[14]

Tqis illi fl-ambitu tal-eżami *prima facie* li jrid isir minn din il-Qorti f'din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami *prima facie*, kemm jekk tiġi milqugħa t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm

[11] P.A., 17.10.2001.
[12] Ara f'dan is-sens id-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Emmanuel Balzan *vs.* Francelle Agius**, P.A., 16.02.2015, **More Supermarkets (Hamrun) Limited *et vs.* Alexander Farrugia *et***, P.A., 05.02.2015, **Carmelo Abdilla *vs.* Autosales Limited,** P.A., 17.05.2011 u **Emanuel Sammut *vs.* Josephine Sammut**, P.A., 05.06.2003.
[13] P.A., 09.12.2014, deċiżjoni fl-ismijiet **V.G. Tiles Company Limited et. *vs.* Sier & Sons Limited *et.***
[14] P.A., 25.08.2010, deċiżjoni fl-ismijiet **Francis Spiteri *et vs.* Charles Darmanin *et.***

jekk ma tiġix milqugħa, dan bl-ebda mod m'għandu jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.

Tqis illi f'każ li tiġi milqugħa t-talba għall-ħruġ ta' kontromandat wara l-aċċertament *prima facie* li jrid isir f'din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet.[15]

Skont il-Kodiċi tal-Proċedura tagħna, persuna tista', mingħajr mhu meħtieġ li qabel ikun hemm deċiżjoni, tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet tagħha bil-mezz ta' wieħed jew iżjed mill-mandati kawtelatorji, illi, wara li jiġu mħarsa minn dik il-persuna l-kundizzjonijiet li jrid il-Kodiċi, jiġu maħruġa u eżegwiti taħt ir-responsabbiltà tagħha.[16] L-uniċi verifiki li tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju ta' qabel il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, huwa li jiġi żgurat r-rikorrent jindika b'mod kemm jista' jkun ċar l-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur u fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih tammonta t-talba u li r-rikorrent jikkonferma t-talba tiegħu bil-ġurament.[17] Tenut kont li verifiki aktar fil-fond minn hekk jistgħu jieħdu ż-żmien tagħhom biex isiru u fil-frattemp l-iskop kollu ta' mandat kawtelatorju jista' faċilment jiġi mxejjen, bħala mezz ta' verifika ulterjuri wara l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju, il-liġi tagħna tipprovdi l-proċedura kkontemplata fl-artikolu 836 tal-Kap. 12 sabiex jiġi żgurat illi mandat kawtelatorju jkun inħareġ skont il-liġi u għar-

[15] Ara f'dan is-sens **More Supermarkets (Hamrun) Limited *et vs.* Alexander Farrugia *et***, *ibid.*
[16] Artikolu 830 tal-Kap. 12.
[17] Artikolu 831 tal-Kap. 12.

raġunijiet li trid il-liġi u fin-nuqqas, il-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat mill-Qorti, sew għalkollox jew f'parti minnu.[18]

Illi għaldaqstant id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 iridu jiġu interpretati f'dan l-ambitu. Għad illi l-eżami li jrid isir a tenur tal-artikolu 836 tal-Kap. 12 huwa aktar fil-fond mill-eżami pjuttost formali u superfiċjali li jsir qabel il-ħruġ tal-Mandat, l-eżami li jrid isir hawnhekk, xorta waħda jibqa' limitat għal-livell ta' *prima facie*.

Ir-rikorrent sekwestrat qiegħed jibbaża t-talba tiegħu għar-revoka tal-Mandat fuq l-artikolu 836(1)(ċ) u (f) tal-Kap. 12 li jipprovdi:

> "836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> *Omissis...;*
>
> (ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew
>
> *Omissis...;*
>
> (f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. "

[18] P.A., 23.08.2017, **Avv. Dr Nikolai Vella Falzon *noe vs.* Elitavia Malta Limited *et.***

## Talba għal revoka taħt l-artikolu 836(1)(ċ) tal-Kap. 12

Illi fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Franstan *vs.* Kashmiri Palace Limited *et***[19] ġie ritenut:

> "Din il-Qorti diversament preseduta fil-proċeduri **Magri *vs.* Magri** (6 ta' Novembru, 2014) ippreċiżat fil-kuntest ta' garanzija alternattiva illi: "Id-diċitura tal-art. 836(1)(ċ) ma tistax titqies b'mod superfiċjali iżda għandha titqies b'mod akkurat għaliex hija tal-fehma li bl-għażla tal-aġġettivi xierqa u biżżejjed li għamel, il-leġislatur ried jassikura li l-garanzija alternattiva tkun tajba daqs dik kawtelata bil-mandat".

Illi fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Carmel Debono *vs.* Paul Demanuele**[20], ingħad:

> "Huwa ben risaput illi meta proprjetà tigi mibjugha b'subbasta fuq ordni tal-Qorti, m'hemm ebda ċertezza li din tikseb il-valur kollu tagħha daqs li kieku nbiegħet liberalment u privatament. Il-Qorti tqis inoltre illi sabiex kreditur jasal għall-bejgħ b'subbasta dan ikollu jgħaddi minn ħafna proċeduri spendjużi ta' ħin, enerġija u flus sabiex jiġbor dak li hu dovut lilu. Madankollu, l-proprjetà tad-debitur illum offerta b'garanzija tista' dejjem tintuża sabiex jinkiseb self minn bank għal depożitu u b'hekk f'każ ta' eżitu favorevoli għall-konjuġi Debono, id-dejn ikun jista' faċilment jiġi sodisfatt."

Illi fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Stephen Magri *et vs.* Emanuel Magri**[21]**,** ingħad:

> "Dak li qiegħed joffri r-rikorrent bħala garanzija ma jistax jitqies biss f'kuntest ristrett ta' kemm tiswa l-proprjetà, xi djun qegħda tagħmel tajjeb u l-bilanċ "liberu". Apparti li l-Qorti trid tqis ukoll id-dejn li

[19] P.A., 11.06.2015.
[20] P.A., 11.11.2014.
[21] P.A., 06.11.2014.

> mhuwiex ipotekat li xorta waħda jibqa' dejn li jista' jissarraf b'ipoteki ġodda fuq il-proprjetà, l-aċċess tal-intimati għal fondi fil-każ ta' esekuzzjoni ta' eventwali titolu esekuttiv huwa bla dubju ta' xejn bil-ferm aħjar bil-mandat *in vigore* milli mingħajru."

Illi fil-provvediment fl-ismijiet **Q.P. *vs.* N.D.P.**[22] intqal kif ġej:

> "Kif ġie ritenut fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Mary Rose Carbonaro *vs.* Jesmond Carbonaro** (Familja – 06.08.2014) sabiex proprjetà immobbli titqies li toffri garanzija xierqa fit-termini tal-Artikolu 836 jeħtieġ illi r-rikorrent jipprova sodisfaċentement li l-immobbli offrut huwa ".... ġid disponibbli u realizzabbli biex jagħmel tajjeb għall-pretensjoni tal-istess eżekutan(t) u li ma hemmx fuqha djun jew piżijiet li jagħtu preferenza għal terzi.
>
> Apparti li kif supra osservat il-valur mogħti mill-perit tal-fiduċja tar-rikorrent ma hux biżżejjed sabiex jikkawtela l-ammont indikat fis-sekwestru kawtelatorju, ir-rikorrent ma ressaq l-ebda prova dwar jekk tali proprjetajiet humiex kolpiti minn djun jew piżijiet li jagħtu preferenza lil terzi. Konsiderazzjoni oħra hi illi anke jekk għas-saħħa tal-argument proprjetà immobiljari llum tista' tkun ħielsa minn kull dejn jew piż, ma hux eskluż li tali proprjetà tista' tiġi hekk kolpita fil-futur fuq azzjoni ta' terzi fil-mori tal-kawża ta' separazzjoni mingħajr ma l-kreditu(r) jkun jista' jieħu xi forma ta' azzjoni sabiex jikkawtela l-posizzjoni tiegħu fir-rigward ta' tali proprjetà. Dan qed jingħad għaliex il-Qorti m'għandiex il-poter li bis-saħħa tal-Artikolu in diżamina tipprojbixxi terzi *in bona fede* minn, eżempju jiskrivu fuq proprjetà ipoteki in kawtela ta' krediti tagħhom li jkunu gew kanonizzati."[23]

Illi kwantu għall-proċeduri odjerni, tenut kont ta' dan it-tagħlim li jitnissel mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, filwaqt li huwa minnu dak li jsostni ir-rikorrent sekwestrat li d-dar matrimonjali ma tistax tinbiegħ mingħajr il-

[22] Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), 23.07.2015.
[23] Ara wkoll **Carmelo Mallia *et vs.* All Invest Company Limited *et*** P.A., 11.11.2015.

kunsens tal-intimata sekwestranta, tqis madankollu illi r-rikorrent sekwestrat ma ressaq ebda prova li tagħti ħjiel tal-valur tal-imsemmija proprjetà. Waqt is-smigħ tar-Rikors ir-rikorrent sekwestrat ammetta li kien hemm djun fuq l-imsemmija proprjetà, u ressaq prova li kien għad fadal dejn pendenti ta' €66,286.61 fuq id-dar matrimonjali u ammetta li kien żbalja meta fir-rikors promotur qal li ma kien hemm ebda djun fuq tali proprjetà, żball illi fiċ-ċirkostanzi huwa pjuttost grossolan. Apparti minnhekk, ir-rikorrent sekwestrat kien ukoll fid-dover li jressaq provi dwar il-valur tal-imsemmija proprjetà, imma naqas illi jagħmel dan. Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq kunċett astratt mingħajr ebda ħjiel ta' valur, li hu essenzjali biex tali proprjetà tkun tista' titqies bħala garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni tal-intimata sekwestranta. Għaldaqstant, it-talba għar-revoka tal-Mandat taħt dan id-dispożizzjoni tal-liġi, ma tistax tiġi milqugħa.

Talba għal revoka taħt l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12

Bosta deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna jagħtu interpretazzjoni pjuttost restrittiva ta' dan is-subartikolu, fis-sens:

> "li din id-dispożizzjoni timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ.[24] Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li

[24] Ara P.A. (GC), 03.08.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Dr Tonio Fenech *noe vs.* Dr Patrick Spiteri *et noe et.***

> qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;[25]"

Mill-banda l-oħra hemm deċiżjonijiet oħrajn tal-Qrati[26] li jinterpretaw din id-dispożizzjoni tal-liġi fis-sens illi mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat mill-Qorti f'każ:

1. Li jigi stabbilit li *prima facie* l-mandat ma kienx raġonevoli li jkun fis-seħħ *ab initio*;

2. Jekk jirriżulta li kien raġonevoli mad-daqqa t'għajn, allura l-Qorti tinvestiga jekk kienx hemm xi tibdil sussegwenti fiċ-ċirkostanzi li jiġġustifika t-talba għar-revoka.

Illi kif ingħad minn din il-Qorti kif diversament preseduta fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Electro Fix Limited et *vs*. Kevin Pisani**[27]:

> "Għalkemm hemm provvedimenti tal-qrati li jgħidu li paragrafu (f) tal-Artikolu 836(1) japplika jekk iseħħ xi żvilupp wara li jiġi ppreżentat l-att kawtelatorju, din il-qorti m'hijiex daqstant konvinta li dan hu l-każ fir-rigward ta' dik il-parti tal-provvediment li taqra: "jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju". Wieħed irid jiftakar li l-mandati ta' sekwestri normalment jinħarġu mingħajr indaġni u għalhekk dan il-provvediment jagħmel sens in kwantu jagħti l-opportunità li l-qorti tara jekk fil-każ partikolari li jkollha quddiemha huwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ. Fil-fehma tal-qorti hu t-tieni parti ta' paragrafu (f) li qiegħed jikkontempla sitwazzjoni ta' tibdil ta' ċirkostanzi wara l-ħruġ tal-att kawtelatorju."

[25] **Bartholomeo Bonnett *et vs.* George Borg *et.,*** P.A., 23.10.2007, Rikors Nru 589/2007 (JRM).
[26] **Maria Theresa sive Marthese Thorn *vs.* Alfred Saliba,** P.A., 07.04.2016, Rikors Nru 58/16 (LSO).
[27] P.A. (AE), 27.03.2013, Rikors Nru 211/13.

Din il-Qorti kif preseduta hija propensa illi tadotta din it-tieni interpretazzjoni, kif diġà għamlet fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Nikolai Vella Falzon** ***noe vs.*** **Elitavia Malta Limited** ***et***[28], li hija aktar konsona mal-ispirtu tal-liġi, tenut kont tal-fatt illi l-eżami li jsir mill-Qorti qabel il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju huwa wieħed formali, li jorbot l-aktar fuq id-dikjarazzjoni ġuramenta ta' minn qiegħed jikkawtela l-kreditu jew il-pretensjoni tiegħu u fejn ma ssir ebda indaġni imqar *prima facie* dwar il-kreditu jew pretensjoni ikkwatelata bil-mandat. Tqis għalhekk illi fejn *ab initio* mandat ma kienx raġonevoli li jkun fis-seħħ, il-Qorti tista' tordna r-revoka tiegħu.

Illi kwantu għall-proċeduri odjerni, tqis illi fir-rigward tal-kont bankarju milqut bil-Mandat, hemm kontestazzjoni dwaru bejn il-kontendenti u ċertament il-Qorti f'din l-istanza ma tistax tidħol fil-mertu nnifsu dwar jekk parti mill-flejjes depożitati f'dan il-kont humiex tassew parti mill-assi parafernali tar-rikorrent sekwestrat u dwar x'kien eżattament l-effett tad-donazzjoni mogħtija minn missier ir-rikorrent, liema flejjes parafernali jew mhumiex, *del resto* nqabdu biex jiġu ikkawtelati l-pretensjonijiet tal-intimata sekwestranta.

Illi fir-Risposta tal-intimata sekwestranta hemm il-premessa żbaljata illi r-rikorrent sekwestrat kien beda jiddisponi mill-assi tiegħu, tant illi biegħ ukoll il-karozza Golf KVN028. Fil-fatt jirriżulta mid-dokument li jinsab esebit *a fol.* 36 tal-proċess, illi Transport Malta kienet iddikjarat għall-

[28] Rikors Revoka nru 748/17LM fl-atti tal-Mandat Nru. 1140/17, P.A., 23.08.2017.

finijiet tal-Mandat illi ma kellhiex assi jew flus appartenenti lir-rikorrent sekwestrat u mhux li r-rikorrent sekwestrat ma kellux l-imsemmija vettura reġistrata f'ismu, kif erronjament waslet għall-konklużjoni l-intimata sekwestranta. Però irrispettivament minn dan l-iżball, il-Qorti tqis illi dak li anima lill-intimata sekwestranti biex titlob għall-ħruġ tal-Mandat kienet il-preokkupazzjoni ġenwina tagħha illi mingħajr il-ħruġ tal-Mandat il-pretensjonijiet tagħha setgħu jiġu elużi u mhux minħabba xi malizzja.

Illi in vista tal-kontestazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-fatti, il-Qorti ma tarax illi r-rikorrent sekwestrat ipprova anki sal-livell ta' *prima facie,* li l-ħruġ tal-Mandat ma kienx ġustifikat. Il-kontestazzjoni bejn il-partijiet għandha tiġi riżolta bis-sentenza finali fil-kawża dwar il-mertu, u għalhekk tqis illi anki a tenur ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi, ma tistax tiġi milqugħa t-talba għar-revoka tal-Mandat.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tagħmel riferiment għall-provvediment fl-ismijiet **Desmond Stanley Stewart *vs.* Therese Mangion Galea**[29] mogħti minn din il-Qorti diversament preseduta, fejn ingħad hekk:

> "Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Minn dak li ħareġ waqt is-smigħ tar-rikors, il-Qorti ssib li l-intimata eżekutanti għandha, tajjeb jew ħażin, pretensjoni ta' ħlas. Min-naħa l-oħra, li kieku l-Qorti, f'dan il-waqt, tagħti deċiżjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, tkun qegħda tiddeċiedi l-qofol tal-mertu tal-

[29] P.A.(JRM), 29.07.2005.

> kontrotalba mressqa mill-intimata u tmur 'lil hinn mill-parametri li hija mistennija tidħol fihom fi proċedura bħal din. Jerġa' jingħad hawnhekk li dan l-aċċertament ma għandu bl-ebda mod ifisser li l-istess intimata wettqet il-prova fil-mertu ta' dak li huwa (jekk tassew huwa) dovut lilha, imma biss li dak li trid tħares bil-ħruġ tal-Mandat ingħata minnu tifsira plawsibbli lil din il-Qorti dwaru."

Dan japplika wkoll għar-rigward tal-asserzjoni tar-rikorrent sekwestrat odjern li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat saret b'malizzja, jew kienet vessatorja u frivola. *Prima facie* jirriżulta li l-intimata sekwestranta għandha jedd x'tikkawtela permezz tal-Mandat u ma jirriżultax li l-Mandat sar għal xi raġuni oħra għajr biex l-intimata tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha. Minn ewl id-dinja kull mandat ta' sekwestru kawtelatorju li jinħareġ, inevitabbilment se joħloq diżaġju għas-sekwestrat, però dan fih innifsu ma jistax jittieħed bħala xi prova li mandat ikun intalab proprju bl-iskop deliberat biex joħloq skumdità u inkonvenjent lis-sekwestrat.

<u>Talba għall-impożizzjoni ta' penali skont l-artikolu 836(8) tal-Kap. 12</u>

L-artikolu 836(8) tal-Kap. 12 jipprovdi:

> "(8) Il-qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inħareġ att kawtelatorju fuq talba tiegħu sabiex iħallas penali ta' mhux inqas minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u mhux iżjed minn sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (€6,988.12) li jmorru għand il-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, f'kull każ minn dawn li ġejjin:
>
> (a) jekk ir-rikorrent, mingħajr raġuni valida, ma jagħmilx il-kawża dwar it-talba fiż-żmien stabbilit bil-liġi;

> (b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:
>
> Iżda d-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat;
>
> (ċ) jekk iċ-ċirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jagħtux lok għal xi dubju raġonevoli dwar il-likwidità tiegħu u dwar il-kapacità finanzjarja tiegħu li jħallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qagħda tad-debitur kienet magħrufa sew;
>
> **(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja**."[30]

Ladarba t-talbiet tar-rikorrent sekwestrat taħt l-artikolu 836(1)(ċ) u (f) se jiġu miċħuda, *multo magis* ma tistax tiġi milqugħa t-talba tar-rikorrent sekwestrat għall-impożizzjoni ta' penali taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12. Rigward l-impożizzjoni ta' penali *ai term*ini tal-artikolu 836(8), fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna jingħad:

> "... din l-Qorti tagħraf illi din hija sanzjoni fakoltattiva, imħollija fid-diskrezzjoni tal-istess Qorti wara li jintwera għas-sodisfazzjoni tagħha, li seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi għall-impożizzjoni tal-istess sanzjoni, u ċioè is-subinċiżi (a) sa (d), tal-artikolu 836(8) tal-Kap. 12.

[30] Enfasi ta' din il-Qorti.

Il-Qorti hija tenuta li timponi dawn il-penali fejn jirriżultaw l-estremi tal-liġi fuq indikati. Dan huwa artikolu ta' ordni pubblika bl-iskop li jiġi assikurat is-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u sabiex l-istitut ta' mandati kawtelatorji ma jiġix użat abbusivament – *vide* sentenżi fl-ismijiet **Carmel Farrugia u martu Lucija Farrugia *vs.* Charmaine Farrugia f'isimha proprju u f'isem binha minuri Francesco** deċiża fit-2 t'Awwissu, 2012 *per* Onor. Imħallef Dr. J.R. Micallef, **Cole Foods Limited *vs.* Euro Imports Limited** deċiża fit-13 ta' Marzu, 2003, per Onor Imħallef Dr. T. Mallia u **Joseph Rapa *vs.* Raymond Sammut** Appell Ċivili deċiża fit-13 ta' Marzu, 2001.

Infatti skond l-insenjament tal-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tabone *vs.* Capece Construction Limited (C-52626**), fl-14 ta' Awwissu, 2013 u b'referenza għall-Artikolu 836(8) tal-Kap. 12 dik il-Qorti rriteniet:

"Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltattiva ll-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw, l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap. 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjetà fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż."

Illi fil-każ odjern il-Qorti ma jidhirlix li l-bastiment Dadayli ipprova sodisfaċentement skont il-liġi li t-talba għall-arrest tal-bastiment saret "b'malizzja, jew kienet frivola jew vessatorja." Din il-Qorti temmen illi t-talba saret bi premessi żbaljati iżda mhux

> intenzjonalment malizzjużi jew vessatorji u għaldaqstant, ma jikkonduċux lil din il-Qorti tinfliġġi din it-tip ta' sanzjoni."[31]

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Avv. Ann Fenech *noe vs.* Il-Bastiment MY Whispering Angel**[32] ingħad:

> "Illi fil-każ odjern il-Qorti, wara li eżaminat l-erba' ċirkostanzi indikati f'Artikolu 836(8)(a) sa (d) tal-Kapitolu 12, tagħraf li s-soċjetà GMW55 esekutat(a) ma ppruvatx, u li din il-Qorti ma jirriżultalhiex, iċ-ċirkostanzi għall-impożizzjoni tal-penali jew għal garanzija xierqa minħabba l-ħruġ tal-mandat. Irid jingħad ukoll illi l-*buona fede* hija preżunta u l-ħażen irid jiġi ppruvat – *vide* **Miller Blacker *pro. et noe. vs.* Howard** - Kollezz. Vol. XXIV. i. 554."

Fil-każ *de quo* mhux talli ma ġiex ippruvat dan l-element ta' malizzja, anzi il-fatt li qed tiġi miċħuda t-talba tar-rikorrent għar-revoka tal-mandat, fih innifisu jindika nuqqas ta' malizzja da parti tal-intimata sekwestranta.

<u>Talba għal garanzija a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap. 12</u>

Illi jifdal biex jiġi deċiż t-talba alternattiva tar-rikorrent sekwestrat taħt l-artikolu 838A tal-Kap. 12, illi jippreskrivi:

> "838A. Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija

[31] P.A., 12.02.2015, deċiżjoni fl-ismijiet **Cassar Fuel Ltd *vs.* Il-Bastiment bl-isem MV K Dadayli**.
[32] P.A., 05.06.2015.

xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju."

Kif ingħad fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Jamar Malta Limited *vs.* Office Group Limited**[33]:

"Meta l-liġi tipprovdi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa ta' min ikun kiseb il-ħruġ favurih ta' Mandat kawtelatorju, min jagħmel it-talba għal garanzija bħal dik (il-persuna eżekutata li kontriha jkun inħareġ il-Mandat li jkun) irid juri tajjeb biżżejjed lill-Qorti li jkun hemm "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu.[34] Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili;[35]

Illi hawnhekk irid jingħad li l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu partikolari tal-liġi huwa wieħed alternattiv għat-talba għat-tħassir tal-Mandat. Kemm hu hekk, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-liġi dwar l-għoti ta' garanzija min-naħa tal-eżekutant huma mqegħda f'artikolu differenti minn dak li jitkellem dwar it-tħassir tal-Mandat. Il-Qorti hija tal-fehma, għalhekk, li r-rimedju tal-għoti tal-garanzija huwa alternattiv għat-talba tat-tħassir tal-Mandat, u anzi jista' jingħata biss jekk kemm-il darba t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tintlaqax kollha jew imqar in parti, jiġifieri sakemm il-Mandat ikun b'xi mod għadu fis-seħħ.[36] Li kieku ma kienx hekk, l-aħħar erba' kelmiet tal-artikolu partikolari kienu jkunu ddaħħlu fil-liġi għalxejn. Fil-każ tal-lum, din il-Qorti kienet diġà ċaħdet talba tal-eżekutat għat-tħassir tal-Mandat;

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala

[33] P.A. (JRM), 10.08.2012.
[34] P.A. (GC), 04.10.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Paul Caruana *vs.* Rudolphe Gaerty**.
[35] P.A. (TM), 18.09.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **John Zarb *vs.* Port Cottonera Ltd.**
[36] P.A. (RCP), 30.5.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Joseph Demicoli *vs.* Coleiro General Supplies Ltd.**

konsegwenza ta' tali ħruġ[37], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat.[38] Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija m'hijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tibda proċeduri għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

L-eżekutata ma semmiet l-ebda raġuni tajba biżżejjed biex twassal lil din il-Qorti tqis jekk għandhiex torbot lill-eżekutanti bl-għoti ta' garanzija kif irid l-imsemmi artikolu.

F'dan ir-rigward, is-sottomissjonijiet tal-istess eżekutanti huma tajba u għaldaqstant, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru aktar qabel, il-Qorti ma ssibx li t-tielet talba tal-eżekutata hija waħda mistħoqqa u mhux ser tilqagħha;"

Tqis illi dawn il-kunsiderazzjonijiet japplikaw bl-istess mod għall-każ *de quo* fejn ir-rikorrent sekwestrat ma ta ebda raġunijiet għalfejn l-intimata sekwestranta għandha tagħti garanzija a tenur tal-artikolu 838A tal-Kap. 12, la fir-rikors promotur u lanqas fit-trattazzjoni finali. Għaldaqstant lanqas din it-talba tar-rikorrent sekwestrat ma tista' tiġi milqugħa.

[37] P.A. (GC), 02.3.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Avukat Vincent Falzon *noe vs*. Alex Sullivan.**
[38] P.A. (GCD), 12.08.2010 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Emanuel Cachia *vs.* Albert Bonnici.**

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi dan ir-Rikors kif ġej:**

1. **Tiċħad it-talba għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 127/2017 abbażi tal-artikolu 836(1)(ċ) u (f) tal-Kap. 12;**

2. **Konsegwentement tiċħad ukoll it-talba tar-rikorrent sekwestrat għall-kundanna tal-intimata sekwestranta għall-ħlas ta' penali taħt l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap. 12; u**

3. **Tiċħad ukoll it-talba għall-għoti ta' garanzija mill-intimata sekwestranta taħt l-artikolu 838A tal-Kap. 12.**

**L-ispejjeż ta' dan il-proċediment huma a karigu tar-rikorrent sekwestrat Kevin Ciantar.**

Moqrija.